# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-53 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**53.01** **Talba**

53.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**53.02** **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

53.02.01 Is-D.S.E. nforma li l-Viċi Sindku kien informa li ma kienx ser jattendi peress li nqabad xogħol. Il-Viċi Sindku ġie meqjus bħala skużat.

**53.03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 51**

53.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 51 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Kunsillier Decelis issekonda.

**53.04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.04.01 Is-Sindku nfurmat li fil-jiem li għaddew kellha laqgħa mad-Deputat CEO ta' TM fejn ġew diskussi diversi temi fosthom is-*Sleeping Policeman* fi Triq il-Barrieri u c-*Central White Line* fi Triq il-Kileb. Hija qalet li d-Deputat CEO ser jipprova jagħti l-għajnuna tiegħu fuq l-applikazzjonijiet pendenti li għandna ma TM. Hija qalet li waqt il-laqgħa kienet kellmitu fuq iċ-ċaqlieq tal-venda mill-Pjazza u wara li erġajna ktibna konna irċivejna *acknowledgmenet* u d-Deputat CEO talab li jinżamm aġġornat dwar il-kaz.

53.04.02 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-Supt. Sandra Zammit li hija nkarigata mid-Distrett li l-Imqabba tagħmel parti minnu. Hija qalet li kienet ġiet infurmata li sa l-aħħar tas-sena, ġewwa l-Imqabba kien ser ikun hawn il-*Community Police* li ser ikollhom il-bażi tagħhom ġewwa Ħal Safi. Hija qalet ukoll li kienet saħqet mas-Supt. Zammit li ma jagħmilx sens li l-Imqabba tagħmel parti mid-distrett taż-Żejtun.

53.04.03 Is-Sindku nfurmat li l-*culverts* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq il-Murselli kienu qed isiru llum.

53.04.04 Is-Sindku nfurmat li hi flimkien mad-DSE kienu rċevew invit sabiex jattendu għal-*Press Conference* mill-Onor, Ministru A. Farrugia fi Triq tas-Sejba. Hija qalet li sa llum, kien jonqos li jsiru 15 mill-49 *pilar* u malli jitlesta x-xogħol fuq il-*pilars* jingħata l-konkos u t-*tarmac*. Hija qalet li kienu ser isiru wkoll is-servizzi mill-ġdid. Hija kompliet li x-xogħlijiet għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Mejju iżda jekk sal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, t-triq tkun għada ma nfetħitx, naraw xi jkun hemm bżonn li jsir fiċ-ċirkostanzi.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad mal-Kunsill fis-6:15 pm***

53.04.05 Is-Sindku nfurmat li x-xogħol fi Ġnien il-Missjoni z-Żgħira kien tlesta u issa jonqos biss li jsir ix-*shifting* tal-*meter* però ilna nistennew mit-13 ta' Frar peress li hemm *items out of stock*.

53.04.06 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma uffiċċjali minn *Heritage Malta* dwar il-Katakombi fejn ġiet infurmata li hemm problema bil-vetturi li qed jipparkjaw fuq l-istess katakombi u minn naħa ta' *Heritage Malta* kienu ser jaħdmu sabiex ma jkunx possibbli li wieħed jipparkja fuq il-katakombi. Hija kompliet tgħid li kienet talbet l-involviment tal-Ministru tal-Kultura l-Onor. O. Bonnici sabiex il-katakombi jibda jinfetaħ aktar spiss.

53.04.07 Rigward Triq il-Madonna tal-Ġilju, s-Sindku spjegat li x-xogħol kien sar kif approvat fl-aħħar laqgħa u sar kif sar sabiex ma jkunx hemm problemi fl-ilma. Hija qalet li l-Perit tal-Kunsill illum ikkonferma li f'din it-triq hemm problema bl-ilma tax-xita u li l-unika soluzzjoni sabiex tissolva hija li t-triq issir mill-ġdid mill-qiegħ.

53.04.08 Is-Sindku fakkret li mill-1 t'April 2023, is-separazzjoni tal-iskart ser issir mandatorja. Għal dan il-għan hija qalet li kienet saret laqgħa mal-każini rigward il-ġbir tal-iskart fil-ġimgħa tal-festa. Hija qalet li kienet talbet sabiex waqt il-ġimgħa tal-festa, l-borża s-sewda tinġabar kuljum.

53.04.09 Rigward il-Latrina Pubblika, s-Sindku nfurmat li kienu nħarġu 2 *Default Notices* peress li l-post kien qed jingħalaq tard jew xejn. Hija qalet li wara li tkellmet mal-kuntrattur, dan kien bidel il-persuna li kienet qed toħodlu ħsieb il-latrina u min naha tagħna konna għamilna *Cleaning Inspection Chart* sabiex niżguraw li t-tindif isir regolari.

***Il-Kunsillier Sciberras ħalla l-laqgħa fis-6:50 minħabba raġuni ta' xogħol.***

53.04.10 Is-Sindku nfurmat li rigward il-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar, IM kienu għadhom ma ġewx lura dwar kif ser isir ix-xogħol u gie deciz li nkellmu lis-Seg. Permanenti ta' dak iż-żmien sabiex forsi jkun jista' jintervjeni. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li tinġieb stima mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill.

53.04.11 Fuq suġġeriment tas-Sindku, ġie deċiż li l-Laqgħa tal-Lokalita' ssir it-Tnejn 17 ta' April fil-5:30 pm ġewwa l-Librerija.

53.04.12 Is-Sindku nfurmat li se jkun qed isir *Afternoon Tea* iżda d-data għad m'għandnix peress li rridu nitkellmu mal-iskola.

**53.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

53.05.01 Il-Kunsillier Decelis talab *update* dwar il-bank li kien issuġġerixxa li jeħel biswit il-kappella ta' Santa Katerina. Id-DSE informa li l-SCH ma kienux qablu li jsir dan il-bank.

53.05.02 Il-Kunsillier Decelis talab ghal *update* dwar il-*Bus Shelter* Saljatura. Id-DSE informa li konna għadna qed nistennew mingħand *Faces*.

53.05.03 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar ir-*reinstatement* wara x-xogħlijiet li saru mill-kuntrattur tal-Epic. Id-DSE informa li dan ix-xogħol kien mistenni jibda dalwaqt skont kif mitlub minn IM.

53.05.04 Il-Kunsillier Decelis talab *update* dwar il-funtana ta' Ġnien Mikielanġ Sapiano. Is-Sindku nfurmat li xi żerriegħa mis-siġar kienet qed taqa' ġol-pompa bil-konsegwenza li din kienet qed tieqaf taħdem. Hija qalet li dan l-aħħar il-pompa kienet tnaddfet minn ħaddiem tal-Kunsill u mistennija terġa tibda taħdem fil-ġranet li ġejjin filwaqt illi kienet mitfija sakemm jgħaddi ftit żmien ħalli ma jerġax jiġri l-istess.

53.05.05 Il-Kunsillier Decelis informa li l-Kappillan kien informah li din is-sena l-Griżma kienet ser issir fit-28 ta' Ottubru u għalhekk Jum l-Imqabba jista' jsir fit-22 ta' Ottubru. Huwa qal li kien beda jaħdem fuq attività sportiva għal lejliet Jum l-Imqabba.

***Il-laqgħa ġiet sospiża bejn is-7:15 pm u t-7:40 pm sakemm saret laqgħa ma' resident.***

53.05.06 Mistoqsija bil-miktub mill-Kunsillier Sciberras fejn talab li tiġi rilokata *Reserved Bay* fi Triq Mikielanġ Sapiano. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta għar-raġuni li mhux se jiġi mirbuħ xi spazju bħala parkeġġ.

53.05.07 Mistoqsija bil-miktub mill-Kunsillier Sciberras dwar storbju tard fil-għaxija quddiem l-Mqabba FC u talab għal CCTV u sinjali li juru li ż-żona hija sorveljata. Is-Sindku nfurmat li ser issir CCTV mir-Reġjun kif ukoll tabelli li jindikaw li ż-żona hija sorveljata. Hija qalet li ladarba l-ġnien jerġa jibda jixgħel, is-sitwazzjoni għandha titjieb.

53.05.08 Mistoqsija bil-miktub mill-Kunsillier Sciberras dwar atti mhux xierqa fil-wesgħa/*parking* fi Triq Giacomo Tortella. Is-Sindku nfurmat li peress li s-sit huwa wieħed privat, l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn.

53.05.09 Mistoqsija bil-miktub mill-Kunsillier Sciberras dwar *update* dwar laqgħa mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur dwar garaxx fi Sqaq l-iSptar. Is-Sindku nfurmat li kienet ser tkellem lill-Perit dwar dan il-każ.

53.05.10 Talba bil-miktub mill-Kunsillier Sciberras sabiex isiru *Double Yellow Lines* fil-ġnub ta' garaxx fi Triq l-Aħwa Ghigo. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

**53.06 Proġetti**

53.06.01 Rigward l-Isptar il-Qadim is-Sindku nfurmat li l-periti tal-Kunsill kienu qed jaħdmu fuq talbiet li kienu għamlu l-SCH u s-CRPD. Ladarba dawn l-emendi jsiru, l-applikazzjoni tiġi sottomessa lill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

53.06.02 Rigward il-Ġnien Onġi Onġella, s-Sindku nfurmat li d-Dipt. tal-Artijiet kienu taw il-kunsens tagħhom sabiex ikun jista' jsir l-iżvilupp fuq is-sit. Il-periti tal-Kunsill kien user ikomplu jaħdmu fuq dan il-proġett sabiex issa jgħaddu l-applikazzjoni għand il-P.A.

53.06.03 Rigward il-Ġnien tal-Mentna s-Sindku nfurmat li aktar kmieni llum kienet saret laqgħa fuq il-post mal-perit tal-Kunsill fejn kellu jgħaddielna l-qisien tal-area li kellha tinkesa bis-*Safety Material*. Il-Perit kien ser jgħaddi lil Kunsill 3D *sketch* dwar kif il-post jiġi jidher bil-*graffiato* u l-ġebla Maltija. Il-ħaddiem tal-Kunsill kien ser jieħu ħsieb il-parti tad-dawl tal-post filwaqt li ser naraw kif ser inġibu l-funtana terġa taħdem. Ġie deċiż ukoll li l-aperturi tal-*pump room* isiru tal-ħadid jew *aluminium heavy duty*.

**53.07 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

53.07.01 Ċirkulari Cirk 4/2003 mingħand id-DLG dwar Proġetti ta' *School Grannies*. Ġie deċiż li jsir post fuq FB sabiex naraw jekk hemmx residenti interessati.

53.07.02 Korrispondenza SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. Is-Sindku spjegat li idejalment għandna mmorru għal kunċert mużikali kemm xejn differenti mis-soltu (mhux banda) u li jsir fil-bidu ta' Ottubru 2023 ġewwa l-Pjazza tal-Knisja. Ġie approvat li għandna navviċinaw lis-Sur Pierre Cachia sabiex jieħu ħsieb dan l-avveniment. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-15% tal-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

53.07.03 Korrispondenza rigward l-arja fuq il-Latrina Pubblika fi Triq Karmenu Ciantar. Ġie deċiż li qabel tittieħed deċiżjoni, għandu jkollna kemm ser tkun il-kera annwali.

53.07.04 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar skedar ta' propjetà fi Triq il-Parrocca. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

53.07.05 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar *ICT Summer Traineeship Scheme.* Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

53.07.06 Korrispondenza minghand TM dwar Reserved Parking Personalizzata fi Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parrocca. Il-Kunsill innota li TM ma kienux approvaw din it-talba.

53.07.07 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Punent dwar attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Qari. Il-Kunsill wera nteress f'din l-attività u ġie deċiż li għandu jiġi konsultat il-Kunsillier Sciberras li huwa responsabbli mill-Edukazzjoni u l-Librerji u sar suġġeriment sabiex din l-attività ssir fi Ġnien Tfal ir-Raħal bil-parteċipazzjoni tal-kittieba Mqabbija Rita Saliba.

53.07.08 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fejn talbu laqgħa ta' korteżija mal-Kunsill. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fis-17 ta' April wara l-Laqgħa tal-Lokalita'.

53.07.09 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V sabiex tingħalaq il-Pjazza fit-30 ta' April sabiex isir *Car Show*. Ġie deċiż li peress li l-għada l-Pjazza ser tkun magħluqa minħabba l-*5K Run/Walkathon* mis-Soċjetà Madonna tal-Ġilju. Għal dan il-għan ġie deċiż li l-Pjazza tibqa magħluqa mill-Ħadd 30 ta' April fis-6:00 am sat-Tnejn 1 ta' Mejju fil-11:00 am

53.07.10 Ittra anonima dwar ħanut li kien qed jostakola l-bankina permezz ta' struttura tal-injam u *perspex*. Is-Sindku nfurmat li hija kienet kellmet lil sid il-ħanut u l-ingombru tneħħa mill-ewwel.

53.07.11 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar is-sospensjoni tas-servizz tal-WiFi fil-Pjazza mill-1 ta' April minħabba nuqqas ta' patrunaġġ. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb sabiex joġġezzjona għal din is-sospensjoni tas-servizz.

53.07.12 Korrispondenza mingħand in-*National Literacy Agency* fejn infurmawna li kienu qed jagħmlu donazzjoni ta' 50 ktieb għall-*Open Air Libraries*.

**53.08** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

53.08.01 Talba mingħand resident sabiex issir bozza fi Triq il-Pal. Din it-talba ġiet approvata.

**53.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/53**

53.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/53 ġiet approvata unanimament minbarra l-kont Nru 34 li l-Kunsill qies bħala għoli u d-DSE intalab sabiex jitlob *Credit Note* dwar parti mis-servizz.

53.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Frar 2023 ġiet approvata unanimament.

**53.10 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

53.10.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:10 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 27 ta' April fil-5:30 pm

Konfermati illum il-Ħamis 27 ta' April 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa** | **Fabian Mizzi** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |